Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2025/0133(COD)

27.10.2025

EMENDI
1 - 173

Abbozz ta' rapport
Reinier Van Lanschot
Emenda tad-Direttivi 2000/14/KE, 2011/65/UE, 2013/53/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE, 2014/68/UE u 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0503 – 2025/0133(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 1
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jaqdu rwol ewlieni biex ikun żgurat monitoraġġ sew u infurzar tajjeb tal-leġiżlazzjoni. Iżda biex ikun żgurat li ***dawk ir-rekwiżiti jilħqu l-iskop maħsub*** tagħhom u jillimitaw il-piż amministrattiv, hu importanti li jiġu ssimplifikati.	(1) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jaqdu rwol ewlieni biex ikun żgurat monitoraġġ sew u infurzar tajjeb tal-leġiżlazzjoni. ***B'mod ġenerali, ħafna mill-kostijiet tagħhom jiġu kkumpensati mill-benefiċċji li joħloq, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u li tkun żgurata l-konformità mal-miżuri ta' politika ewlenin.*** Iżda biex ikun żgurat li dawk ir-rekwiżiti jilħqu l-iskop maħsub tagħhom u jillimitaw il-piż amministrattiv, hu importanti li jiġu ssimplifikati.

Or. en

Emenda 2
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-importanza dejjem akbar tad-diġitalizzazzjoni fis-simplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji teħtieġ it-tnaqqis u l-modernizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar u tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi. Bi qbil mal-isforzi biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li r-rapportar tan-negozji lill-awtoritajiet u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jiġu diġitalizzati għalkollox meta din id-diġitalizzazzjoni ma tkunx taffettwa l-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi. L-użu tad-diġitalizzazzjoni mhux biss jissimplifika l-proċeduri tal-konformità	(4) L-importanza dejjem akbar tad-diġitalizzazzjoni fis-simplifikazzjoni tal-oqfsa regolatorji teħtieġ it-tnaqqis***, l-armonizzazzjoni*** u l-modernizzazzjoni tar-rekwiżiti tar-rapportar u tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi. Bi qbil mal-isforzi biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li r-rapportar tan-negozji lill-awtoritajiet u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jiġu diġitalizzati għalkollox meta din id-diġitalizzazzjoni ma tkunx taffettwa l-protezzjoni u s-sikurezza tal-konsumaturi. L-użu tad-diġitalizzazzjoni mhux biss jissimplifika l-proċeduri tal-

iżda ***anki*** jżid l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u fl-aħħar mill-aħħar ikun ta' benefiċċju għan-negozji daqskemm għall-awtoritajiet.	konformità iżda ***anke*** jżid l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u fl-aħħar mill-aħħar ikun ta' benefiċċju għan-negozji daqskemm għall-awtoritajiet.

Or. en

Emenda 3
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali u jipprevjenu pożijiet sproporzjonati għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu gateways tekniċi ddedikati għall-implimentazzjoni ta' proċeduri diġitali, marbuta maċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, u jipprovdu assistenza bla ħlas jew kofinanzjata, inkluż it-taħriġ u l-aċċess għal għodod standardizzati.

Or. it

Emenda 4
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, id-Direttivi 2000/14/KE, 2013/53/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE u 2014/53/UE jeżiġu li mal-prodott tingħata kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità ***tal-UE***. Meta titqies l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni,	(7) Barra minn hekk, id-Direttivi 2000/14/KE, 2013/53/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE u 2014/53/UE jeżiġu li mal-prodott tingħata kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità. Meta titqies l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni, hu

hu essenzjali li dan l-obbligu jiġi mmodernizzat billi jkun meħtieġ li din id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tingħata mal-prodott elettronikament. Għalhekk, il-manifattur għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tkun aċċessibbli b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna.	essenzjali li dan l-obbligu jiġi mmodernizzat billi jkun meħtieġ li din id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tingħata mal-prodott elettronikament. Għalhekk, il-manifattur għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tkun aċċessibbli ***direttament*** b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna***, li jfisser li l-awtoritajiet ma jkollhomx għalfejn jgħaddu minn passi intermedji, bħal menus ta' tiftix, siti web esterni, jew proċeduri addizzjonali ta' login biex jaslu għad-dikjarazzjoni ta' konformità speċifika tal-UE***. ***L-aċċess dirett permezz tal-indirizz tal-internet jew il-kodiċi li jinqara minn magna jenħtieġ li jkun bla ħlas, mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta kwalunkwe data personali, li jitniżżlu jew jintużaw applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku jew obbligu li wieħed jirreġistra għall-unika raġuni biex jaċċessa d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.***
	Or. en

Emenda 5
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, id-Direttivi 2000/14/KE, 2013/53/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE u 2014/53/UE jeżiġu li mal-prodott tingħata kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Meta titqies l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li dan l-obbligu jiġi mmodernizzat billi jkun meħtieġ li din id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tingħata mal-prodott elettronikament. Għalhekk, il-manifattur għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tkun	(7) Barra minn hekk, id-Direttivi 2000/14/KE, 2013/53/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE u 2014/53/UE jeżiġu li mal-prodott tingħata kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Meta titqies l-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni, hu essenzjali li dan l-obbligu jiġi mmodernizzat billi jkun meħtieġ li din id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tingħata mal-prodott elettronikament. Għalhekk, il-manifattur għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE tkun

aċċessibbli b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna.	aċċessibbli ***direttament*** b'indirizz tal-internet jew b'kodiċi li jinqara minn magna***, bla ħlas, mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta kwalunkwe data personali, li jitniżżlu jew jintużaw applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku jew l-obbligu li wieħed jirreġistra għall-unika raġuni biex jaċċessa d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE***.
	Or. en

Emenda 6
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94%*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u mhuwiex allinjat mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta' żmienna. Għalhekk, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet f'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, ***biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi***, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq ***is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ li*** tingħata b'format stampat jew ***immarkata*** fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument ***tax-***xiri u sa ċertu perjodu taż-	(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94 %*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u mhuwiex allinjat mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta' żmienna. Għalhekk, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet f'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, ***salvagwardji speċifiċi għall-konsumaturi jenħtieġ li jiżguraw li huma***, ***bħala utenti mhux professjonali, xorta jkunu jistgħu jaċċessaw u jifhmu l-informazzjoni, għall-kuntrarju tal-utenti professjonali, li huma mistennija li jkollhom l-għarfien espert u l-għarfien meħtieġa għall-użu u l-immaniġġjar korrett tal-prodotti.*** L-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq ***l-użu sikur tal-prodotti,***

żmien wara dak ix-xiri.

għandha mnejn tingħata ***b'format diġitali meta prodott jintuża biss minn utenti professjonali, jiġifieri persuni li jakkwistaw il-prodott bħala utenti finali professjonali matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħhom. Madankollu, meta jkun raġonevolment prevedibbli li prodott, anke jekk primarjament maħsub għal użu professjonali, jista' jintuża wkoll mill-konsumaturi, il-manifatturi jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni dwar is-sigurtà*** b'format stampat jew ***jimmarkawha direttament*** fuq il-prodott. ***Id-definizzjoni ta' "konsumatur" tifforma parti mill-kunċett ta' "utent finali" kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tapplika għad-Direttivi kkonċernati u tirreferi għal kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal skopijiet barra mill-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha. Dan ir-rekwiżit jiżgura li l-konsumaturi kollha, inkluż il-konsumaturi vulnerabbli bħal persuni anzjani, persuni b'diżabbiltà jew dawk b'litteriżmu diġitali limitat, ikunu jistgħu jaċċessaw u jifhmu l-informazzjoni dwar is-sikurezza. Għalhekk, tali informazzjoni jenħtieġ li tkun faċilment viżibbli u leġibbli, biex b'hekk tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tissalvagwardja s-sikurezza pubblika. L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza pprovduti b'format diġitali jenħtieġ li jkunu direttament aċċessibbli b'mod partikolari billi jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sa fejn il-prodotti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, sabiex tiġi żgurata l-użabbiltà mill-utenti finali kollha, inkluż il-persuni b'diżabbiltajiet. L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza jenħtieġ li jkunu direttament aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew kodiċi li jinqara minn magna, bla ħlas, mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta kwalunkwe data***

personali, li jitniżżlu jew jintużaw applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku jew obbliguli wieħed jirreġistra għall-unika raġuni biex jaċċessa l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

Or. en

Emenda 7
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94%*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, ***il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u ma jaqbilx*** mat-teknoloġiji***, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi*** ekoloġiċi ***ta' żmienna***. ***Għalhekk***, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, ***l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż*** l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ li ***tingħata*** b'format stampat jew ***immarkata*** fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta	(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94 %*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, ***id-disponibbiltà tal-istruzzjonijiet tal-prodott b'format diġitali toffri opportunità biex isir allinjament*** mat-teknoloġiji ***ta' żmienna u jsir kontribut għall-objettivi*** ekoloġiċi. ***Fid-dawl ta' dan***, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi ***kkonċernati***. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, ***biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi***, l-istruzzjonijiet b'impatt fuq ***is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ*** li ***jingħataw*** b'format stampat jew ***immarkati*** fuq il-prodott. ***Madankollu, l-informazzjoni dwar is-sikurezza għall-konsumaturi jenħtieġ li dejjem tiġi pprovduta b'format stampat jew immarkata fuq il-prodott. L-informazzjoni***

jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

u l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza li għandhom impatt fuq is-sikurezza tal-prodott għandhom ikunu maħsuba bħala dettalji essenzjali meħtieġa għal użu sikur u effiċjenti f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, anke jekk mhumiex maħsuba għall-konsumaturi. Barra minn hekk, meta jkun raġonevolment prevedibbli li prodott, anke jekk primarjament maħsub għal użu professjonali minn utenti finali, jista' jintuża wkoll mill-konsumaturi, il-manifatturi jenħtieġ li jipprovdu l-informazzjoni dwar is-sigurtà b'format stampat jew ***jimmarkawha direttament*** fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

Or. en

Emenda 8
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94% jew iżjed*** tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u ma ***jaqbilx*** mat-teknoloġiji***, l-abitudnijiet*** tal-konsumaturi ***jew l-objettivi ekoloġiċi ta' żmienna***. ***Għalhekk, il-possibbiltà ta' format*** diġitali ***tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi***. B'hekk***, jekk ikunu jixtiequ,*** il-manifatturi jkunu jistgħu jipprovdu struzzjonijiet ***b'format*** diġitali. Meta l-manifatturi jagħżlu ***li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format*** diġitali, biex ***xorta***	(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***mhux inqas minn 94 %*** tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u ***mhux allinjat*** mat-teknoloġiji ***disponibbli, mal-abitudnijiet*** tal-konsumaturi ***u mal-objettivi ambjentali***. ***Huwa għalhekk xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jingħataw l-istruzzjonijiet għall-użu b'format*** diġitali. B'hekk il-manifatturi jkunu jistgħu jipprovdu struzzjonijiet diġitali***, meta jqisu li dan ikun xieraq***. Meta l-manifatturi jagħżlu ***l-format***

waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, ***jenħtieġ li*** tingħata b'format stampat ***jew immarkata fuq il-prodott***. ***Barra minn hekk,*** l-utenti finali ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni ***dwar is-sikurezza***, ***meta jitolbuha*** fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

diġitali, biex jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, ***trid*** tingħata b'format stampat ***fuq talba tal-konsumatur***. L-utenti finali ***jeħtiġilhom ikunu*** jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni ***tas-sikurezza***, ***fuq talba,*** fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri***; il-manifatturi jeħtiġilhom joffru wkoll mezzi alternattivi biex jibagħtu l-istruzzjonijiet b'format stampat direttament lill-utent finali bla ħlas, mingħajr ma jpoġġu piż fuq id-distributur***. ***Id-distributuri mhumiex meħtieġa jistampaw jew jaħżnu l-istruzzjonijiet, dment li ma jagħmlux dan b'mod volontarju. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll jekk l-informazzjoni dwar is-sikurezza diġitali tistax tkun ekwivalenti jew saħansitra aktar effettiva; din il-valutazzjoni għandha tiġi riflessa f'rapport li għandu jiġi ppubblikat fi żmien 3 snin. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-leġiżlazzjoni kif emendata b'dan l-att omnibus kif xieraq.***

Or. it

Emenda 9
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94%*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u mhuwiex allinjat mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta'	(8) Filwaqt li jitqies li fl-2024 ***94 %*** jew iżjed tal-unitajiet domestiċi fl-UE kellhom aċċess għall-internet, il-format stampat tal-istruzzjonijiet tal-użu mogħtija mal-prodotti f'konformità mad-Direttivi kkonċernati hu skadut u mhuwiex allinjat mat-teknoloġiji, l-abitudnijiet tal-konsumaturi jew l-objettivi ekoloġiċi ta'

żmienna. Għalhekk, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ li tingħata b'format stampat jew immarkata fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

żmienna. Għalhekk, il-possibbiltà ta' format diġitali tal-istruzzjonijiet jenħtieġ li tiġi introdotta fid-Direttivi. Dan se jippermetti lill-manifatturi jagħtu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, jekk jixtiequ jagħmlu hekk. Meta l-manifatturi jagħżlu li jipprovdu l-istruzzjonijiet b'format diġitali, biex xorta waħda jipproteġu s-sikurezza tal-konsumaturi, l-informazzjoni dwar is-sikurezza, inkluż l-istruzzjonijiet b'impatt fuq is-sikurezza tal-prodott, jenħtieġ li tingħata b'format stampat ***fuq talba mill-konsumatur*** jew immarkata fuq il-prodott. Barra minn hekk, l-utenti finali jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu kopja stampata tal-istruzzjonijiet tal-użu jew tal-informazzjoni dwar is-sikurezza, meta jitolbuha fil-mument tax-xiri u sa ċertu perjodu taż-żmien wara dak ix-xiri.

Or. en

Emenda 10
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi, inklużi l-konsumaturi vulnerabbli bħall-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà jew dawk b'litteriżmu diġitali limitat, ikunu jistgħu jaċċessaw u jifhmu l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza, il-manifatturi jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni u struzzjonijiet f'forma li tkun faċilment viżibbli u leġibbli. Dan jiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u jissalvagwardja s-sikurezza pubblika. L-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza pprovduti f'format diġitali jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-

Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882, sabiex tiġi żgurata l-użabbiltà mill-konsumaturi u mill-utenti finali kollha, inklużi l-persuni b'diżabbiltà.

Or. en

Emenda 11
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha, inklużi dawk li jista' jkun ma jkollhomx aċċess regolari għal għodod diġitali, ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jiksbu l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat, il-manifattur jenħtieġ li jipprovdi mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli biex jiġu sottomessi tali talbiet, inkluż bit-telefown. Dan huwa partikolarment importanti għall-konsumaturi anzjani u gruppi oħra fir-riskju ta' esklużjoni diġitali. L-utenti finali jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll b'mod ċar, fl-informazzjoni dwar is-sikurezza li tiġi mal-prodott, dwar id-dritt tagħhom li jitolbu l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza f'format stampat.

Or. en

Emenda 12
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-obbligi ta' komunikazzjoni b'format elettroniku mingħajr ma tkun meħtieġa infrastruttura tal-IT kumplessa, huwa xieraq li jiġu pprovduti mudelli standardizzati simplifikati ("mudelli tal-SMEs") għad-dikjarazzjoni diġitali ta' konformità u għall-ġestjoni tad-dokumentazzjoni elettronika għall-operaturi ekonomiċi kollha u mfassla b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet tal-SMEs.

Or. it

Emenda 13
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi kollha, inklużi dawk li jista' ma jkollhomx aċċess regolari għal għodod diġitali, ikunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom li jiksbu l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza f'format stampat, il-manifatturi jenħtieġ li jipprovdu mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli biex jissottomettu tali talbiet, inkluż bit-telefown. Dan huwa partikolarment importanti għall-konsumaturi anzjani u gruppi oħra fir-riskju ta' esklużjoni diġitali. L-utenti finali jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll b'mod ċar, fl-informazzjoni dwar is-sikurezza li tiġi mal-prodott, dwar id-dritt tagħhom li jitolbu l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza f'format stampat.

Or. en

Emenda 14
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-utenti finali, fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jeħtieġ jiġi indikat kuntatt diġitali tal-manifattur ħalli tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq u biex jitħaffef il-proċess tat-traċċar tal-prodotti mhux konformi. Bħalissa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jindikaw l-indirizz postali tagħhom fuq il-prodott, iżda dan mhux dejjem ikun suffiċjenti biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jeħtieġ jintalbu jipprovdu l-indirizz postali u ***anki*** l-kuntatt diġitali fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Dan il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jiġi definit fid-Direttivi.	(10) Biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-utenti finali, fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jeħtieġ jiġi indikat kuntatt diġitali tal-manifattur ħalli tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq u biex jitħaffef il-proċess tat-traċċar tal-prodotti mhux konformi. Bħalissa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jindikaw l-indirizz postali tagħhom fuq il-prodott, iżda dan mhux dejjem ikun suffiċjenti biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jintalbu jipprovdu l-indirizz postali u ***anke*** l-kuntatt diġitali fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Dan il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jiġi definit fid-Direttivi. ***Il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jippermetti lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet kompetenti jikkuntattjaw lill-operaturi ekonomiċi direttament, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli bla ħlas, mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta kwalunkwe data personali, li jitniżżlu jew jintużaw applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku jew l-obbligu li jirreġistraw biss biex jikkuntattjaw lill-operatur ekonomiku. Tali kuntatt diġitali jista' jinkludi, pereżempju, indirizz tal-email jew formola ta' kuntatt fuq sit web. Madankollu, jenħtieġ li ma jinftihemx li jinkludi tweġibiet awtomatiċi għal mistoqsijiet, chatbots, numri tal-faks jew linji tat-telefown. It-terminu "kuntatt diġitali", b'mod simili għat-terminu "indirizz elettroniku" fir-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jenħtieġ li jiġi interpretat b'mod***

teknoloġikament newtrali, li jkun kapaċi li jevolvi bi żviluppi teknoloġiċi futuri, u jenħtieġ li jkopri l-forom kollha ta' komunikazzjoni diġitali diretta.

Or. en

Emenda 15
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-utenti finali, fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jeħtieġ jiġi indikat kuntatt diġitali tal-manifattur ħalli tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq u biex jitħaffef il-proċess tat-traċċar tal-prodotti mhux konformi. Bħalissa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jindikaw l-indirizz postali tagħhom fuq il-prodott, iżda dan mhux dejjem ikun suffiċjenti biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jintalbu jipprovdu l-indirizz postali u ***anki*** l-kuntatt diġitali fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Dan il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jiġi definit fid-Direttivi.	(10) Biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-utenti finali, fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jeħtieġ jiġi indikat kuntatt diġitali tal-manifattur ħalli tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza tas-suq u biex jitħaffef il-proċess tat-traċċar tal-prodotti mhux konformi. Bħalissa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jindikaw l-indirizz postali tagħhom fuq il-prodott, iżda dan mhux dejjem ikun suffiċjenti biex ikun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ jintalbu jipprovdu l-indirizz postali u ***anke*** l-kuntatt diġitali fuq il-prodott u fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE. Dan il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jiġi definit fid-Direttivi ***kkonċernati***. ***Il-kuntatt diġitali jenħtieġ li jippermetti lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet kompetenti jikkuntattjaw lill-operaturi ekonomiċi direttament, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli bla ħlas, mingħajr il-ħtieġa li tiġi pprovduta kwalunkwe data personali, li jitniżżlu jew jintużaw applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku, jew li jirreġistraw biss għall-iskop li jikkuntattjaw lill-operatur ekonomiku. Tali kuntatt diġitali jista' jinkludi,***

pereżempju, indirizz tal-email jew formola ta' kuntatt fuq sit web. Madankollu, jenħtieġ li ma jinftihemx li jinkludi tweġibiet awtomatiċi għal mistoqsijiet, chatbots, numri tal-faks jew linji tat-telefown.

Or. en

Emenda 16
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) F'każijiet li fihom il-prodotti jiġu manifatturati fuq skala żgħira jew f'segmenti speċjalizzati, id-diġitalizzazzjoni tal-obbligi jenħtieġ li tkun possibbli permezz ta' proċeduri simplifikati, li jinkludu t-tqegħid ta' informazzjoni fuq portali nazzjonali kompletament aċċessibbli għall-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra u għall-Kummissjoni u jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u tas-sorveljanza tas-suq.

Or. it

Emenda 17
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrappreżenta l-qafas b'mod***	(13) ***L-istandards*** armonizzati ***jibqgħu s-soluzzjoni ppreferuta. L-ispeċifikazzjonijiet*** komuni ***huma temporanji u proporzjonati, u jiġu adottati biss meta ma tkunx biżżejjed l-***

awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza jew ma' rekwiżiti oħrajn. Iżda meta ma jkunux jeżistu standards armonizzati ***jew meta dawn ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet*** komuni ***għas-saħħa u s-sikurezza essenzjali jew rekwiżiti oħra, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew rekwiżiti oħra***.	***elaborazzjoni tal-istandards u/jew f'każijiet ta' urġenza, wara konsultazzjoni inklużiva mal-SMEs***.

Or. it

Emenda 18
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrappreżenta l-qafas b'mod awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza jew ma' rekwiżiti oħrajn. Iżda meta ma jkunux jeżistu standards armonizzati jew meta dawn ma jkunux biżżejjed, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għas-saħħa u s-sikurezza essenzjali jew rekwiżiti oħra, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew	(13) Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrappreżenta l-qafas b'mod awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza jew ma' rekwiżiti oħrajn. Iżda meta ma jkunux jeżistu standards armonizzati jew meta dawn ma jkunux biżżejjed ***jew hemm ħtieġa urġenti***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għas-saħħa u s-sikurezza essenzjali jew rekwiżiti oħra, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew rekwiżiti oħra.

rekwiżiti oħra.	***Diversi atti leġiżlattivi diġà fihom alternattiva biex in-negozji jingħataw il-prevedibbiltà legali u jagħtu prova tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jaħsbu għal sitwazzjonijiet bħal dawn.***

Or. en

Emenda 19
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrappreżenta l-qafas b'mod awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza ***jew ma' rekwiżiti oħrajn***. Iżda ***meta ma jkunux jeżistu*** standards armonizzati ***jew meta dawn ma jkunux biżżejjed***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni ***għas-saħħa u s-sikurezza*** essenzjali ***jew rekwiżiti oħra***, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew rekwiżiti oħra.	(13) Il-qafas attwali tal-istandardizzazzjoni tal-Unjoni, li hu bbażat fuq ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jirrappreżenta l-qafas b'mod awtomatiku biex jiġu elaborati l-istandards li jipprevedu preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u tas-sikurezza ***tad-Direttivi kkonċernati***. Iżda ***fin-nuqqas ta' referenzi rilevanti għal*** standards armonizzati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni ***għar-rekwiżiti*** essenzjali ***tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttivi kkonċernati, dment li b'hekk tirrispetta kif xieraq ir-rwol u l-funzjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni***, bħala soluzzjoni ta' riżerva eċċezzjonali biex tiffaċilita l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza jew rekwiżiti oħra ***tad-Direttivi kkonċernati***.

Or. en

Emenda 20
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Peress li l-passaport diġitali tal-prodotti hu previst f'ċerta leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, hu essenzjali li l-operaturi ekonomiċi jintalbu jaħżnu l-informazzjoni li jkun hemm fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet tal-użu fil-passaport diġitali tal-prodotti meta l-prodott ikun kopert minn diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni. Dan l-approċċ inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi għax ma jkollhomx għalfejn iżommu postijiet tal-ħżin separati għad-dokumenti tal-konformità. Billi jaħżnu d-dokumentazzjoni f'post wieħed, id-dokumenti kollha meħtieġa li juru l-konformità tal-prodott ikunu aċċessibbli faċilment, filwaqt li tkun żgurata t-trasparenza u tiġi ffaċilitata l-konformità. Dan l-approċċ simplifikat itejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u hu allinjat mal-prinċipju li meta għal xi prodott ikunu japplikaw bosta biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-Unjoni, il-manifattur jew xi operatur ekonomiku ieħor, meta xieraq, jenħtieġ li jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE waħda.	(14) Peress li l-passaport diġitali tal-prodotti hu previst f'ċerta leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, hu essenzjali li l-operaturi ekonomiċi jintalbu jaħżnu l-informazzjoni li jkun hemm fid-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u l-istruzzjonijiet tal-użu fil-passaport diġitali tal-prodotti meta l-prodott ikun kopert minn diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni. Dan l-approċċ inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-manifatturi għax ma jkollhomx għalfejn iżommu postijiet tal-ħżin separati għad-dokumenti tal-konformità ***- bħal dikjarazzjonijiet ta' konformità - meħtieġa skont id-diversi atti leġiżlattivi dwar il-prodotti li jistgħu japplikaw għall-istess prodott, u b'hekk jinżamm il-prinċipju ta' dikjarazzjoni waħda ta' konformità. Barra minn hekk, l-istruzzjonijiet ipprovduti b'format elettroniku jinħażnu flimkien mad-dikjarazzjoni ta' konformità***. Billi jaħżnu d-dokumentazzjoni f'post wieħed, id-dokumenti kollha meħtieġa li juru l-konformità tal-prodott ikunu aċċessibbli faċilment, filwaqt li tkun żgurata t-trasparenza u tiġi ffaċilitata l-konformità. Dan l-approċċ simplifikat itejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju, u hu allinjat mal-prinċipju li meta għal xi prodott ikunu japplikaw bosta biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-Unjoni, il-manifattur jew xi operatur ekonomiku ieħor, meta xieraq, jenħtieġ li jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE waħda.

Or. en

Emenda 21
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri għax din id-Direttiva temenda Direttivi li jarmonizzaw leġiżlazzjonijiet tal-prodotti, iżda jistgħu, minflok, minħabba l-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli tal-UE, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(15) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri għax din id-Direttiva temenda Direttivi li jarmonizzaw leġiżlazzjonijiet tal-prodotti, iżda jistgħu, minflok, minħabba l-armonizzazzjoni tar-regoli applikabbli tal-UE ***għall-prodotti***, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 22
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet organizzattivi u finanzjarji differenti, huwa xieraq li tiġi prevista applikazzjoni differenzjata tal-miżuri ta' traspożizzjoni, filwaqt li l-mikrointrapriżi u l-SMEs jingħataw żmien addizzjonali biex jadattaw meta mqabbla mal-intrapriżi l-kbar.

Or. it

Emenda 23

Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 3 – punt (g) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' ***xi applikazzjoni***.;	(g) "kuntatt diġitali" tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online ***bla ħlas*** li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ***jew użu*** ta' ***applikazzjonijiet addizzjonali relatati mal-operatur ekonomiku***.; *(Emenda orizzontali. (Din l-emenda tissostitwixxi d-definizzjoni ta' kuntatt diġitali fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti kollha fid-Direttiva 2000/14/KE; id-Direttiva 2011/65/UE; id-Direttiva 2013/53/UE; id-Direttiva 2014/29/UE; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/30/UE; l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/31/UE; l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/33/UE; l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/34/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/53/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE; l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/90/UE.)*

Or. en

Emenda 24
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 3(g)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(g) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ta’ xi applikazzjoni**.**;	(g) “kuntatt diġitali”***:*** tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta’*** download ta’ xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 25
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 3 – punt (g)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu ***jintlaħqu jew jiġu involuti*** mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ta’ ***xi applikazzjoni***.;	(g) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online ***bla ħlas*** li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu ***jiġu kkuntattjati*** mingħajr il-bżonn ta’ reġistrazzjoni jew download ***jew użu*** ta’ ***applikazzjonijiet addizzjonali speċifiċi għall-operatur ekonomiku***.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika għall-paragrafi li ġejjin ukoll: l-Artikolu 2, paragrafu 1a, l-Artikolu 3 paragrafu 1a, l-Artikolu 4 paragrafu 1a, l-Artikolu 5 paragrafu 1a, l-Artikolu 6 paragrafu 1a, l-Artikolu 7 paragrafu 1a, l-Artikolu 8 paragrafu 1a, l-Artikolu 9 paragrafu 1a, l-Artikolu 10 paragrafu 1a, l-Artikolu 11 paragrafu 1a, l-Artikolu 12 paragrafu 1a, l-Artikolu 13 paragrafu 1a.

Emenda 26
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
it-tagħmir ikollu l-markatura CE u l-indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita, u li jkun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew minn kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata ***d-dikjarazzjoni*** tal-konformità tal-KE.;	"it-tagħmir ikollu l-markatura CE u l-indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita, u li jkun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew minn kodiċi li jinqara minn magna li bihom tkun tista' tiġi aċċessata ***direttament id-dikjarazzjoni*** tal-konformità tal-KE.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda għandha ssir fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 1 paragrafu 2-5, l-Artikolu 3 paragrafu 7a, l-Artikolu 7 paragrafu 2d, 4a, 5a, 12d, l-Artikolu 8 paragrafu 2a, 3a, 5a, 6a, l-Artikolu 9 paragrafu 2a, 4a, 5a, 11e, l-Artikolu 11 paragrafu 2e.

Emenda 27
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu t-twaqqif ta' gateways tekniċi ddedikati għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), f'koordinazzjoni maċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali reġjonali ffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali, biex jipprovdu assistenza bla ħlas jew iffinanzjata fl-implimentazzjoni tal-proċeduri diġitali previsti f'din id-Direttiva.

Or. it

Emenda 28
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2011/65/UE
Artikolu 3 – punt 6a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6a) "kuntatt diġitali"**,** tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***;	(6a) "kuntatt diġitali"***:*** tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 29
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 3 – punt 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;;	***imħassar*** *(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)*

Or. en

Emenda 30
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 3 – punt 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jippruvdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;"***;	(13a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4*** applikabbli għal ***EEE***;

Or. en

Emenda 31
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 3 – punt 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jippruvdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;"***;	(13a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti ***essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4*** applikabbli għal ***materjali, komponenti u EEE"***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emendat għaċ-ċarezza

Emenda 32
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 7 – punt (c) – it-tieni sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandhom jitqiesu b'mod adegwat il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott u l-bidliet fl-istandards armonizzati ***jew fl-ispeċifikazzjonijiet komuni*** jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tal-EEE;***;***	Għandhom jitqiesu b'mod adegwat il-bidliet fid-disinn jew fil-karatteristiċi tal-prodott u l-bidliet fl-istandards armonizzati jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħra li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tal-EEE; *(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)*

Or. en

Emenda 33
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 7 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-manifatturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom fuq l-EEE jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-EEE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Meta leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni jkun fiha dispożizzjonijiet għat-twaħħil tal-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur li jkunu mqar stretti daqshom, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet;;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-bidla ma taffettwax il-verżjoni Maltija.

Emenda 34
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 7 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-manifatturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom fuq l-EEE jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-EEE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Meta leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni jkun fiha dispożizzjonijiet għat-twaħħil tal-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur li jkunu mqar stretti daqshom, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet;;	(h) il-manifatturi jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom fuq l-EEE jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-EEE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Meta leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-Unjoni jkun fiha dispożizzjonijiet għat-twaħħil tal-isem, l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tal-manifattur li jkunu mqar stretti daqshom, għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet;;

Or. en

Emenda 35
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2011/65/UE
Artikolu 10(d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) id-distributuri, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdulha b'format elettroniku l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' EEE ma' din id-Direttiva, u li dawn jikkooperaw ma' dik l-awtorità meta titlobhom fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex tkun żgurata l-konformità ma' din id-	d) id-distributuri, wara talba motivata minn awtorità kompetenti nazzjonali, jipprovdulha b'format elettroniku l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ***li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat,*** meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' EEE ma' din id-Direttiva, u li dawn

Direttiva tal-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq.;	jikkooperaw ma' dik l-awtorità meta titlobhom fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex tkun żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva tal-EEE li huma jkunu qiegħdu fis-suq.;

Or. it

Emenda 36
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 16a	
Speċifikazzjonijiet Komuni	
1.	
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	
(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' materjali, komponenti u EEE mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4;	

(c) meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19(3).

2. Il-materjali, il-komponenti u l-EEE li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu 4.;"

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 37
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista'***, permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni, ***tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti ***essenzjali*** stabbiliti fl-Artikolu 4 ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin***:***	Il-Kummissjoni tista' ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni, ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jkopru rekwiżiti li jipprovdu mezzi ta' konformità*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet għandhom isiru wkoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-

Artikolu 8 paragrafu 6, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 38
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista'***, permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni***, tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	***F'każijiet eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni tista' ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jipprovdu mezz ta' konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 39
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu***

ssodisfati:

Or. en

Emenda 40
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti ***fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards*** armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;***	(a) ***il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti ***fl-Anness III u:*** ***(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew*** ***(ii) l-istandards*** armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew*** ***(iii) l-istandards armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; kif ukoll***

Or. en

Emenda 41
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards***	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-***

armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	***referenza tagħhom tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet għandhom isiru wkoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 42
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-referenza tagħhom tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 43
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU

Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*** Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' materjali, komponenti u EEE mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4;***	(b) ***(b) il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti ***u:***
	(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea ***tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew***
	(ii) it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandards Ewropej mitluba:
	– ġew adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba; jew
	– ma jkunux konformi mat-talba; jew
	– ma jissodisfawx ir-rekwiżiti maħsuba li jkopru;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 44
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards*** armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' materjali, komponenti u EEE mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4***;	(b) ***il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 4 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti***; kif ukoll:***
	(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew
	(ii) l-istandards armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet għandhom isiru wkoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 45
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti ***fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew*** ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' materjali,***	(b) ***l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti ***fl-Anness III ma tkun ġiet*** ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien***

komponenti u EEE mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4;	***raġonevoli.***

Or. en

Emenda 46
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 47
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 48
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jkun jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn il-bidliet għandhom isiru wkoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 49
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni ***jkun*** jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi.	(c) meta l-Kummissjoni***, bħala l-aħħar alternattiva, ikun*** jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' materjali, komponenti u EEE mhux konformi. ***Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, sitwazzjoni għandha titqies li tikkostitwixxi tħassib urġenti b'mod partikolari meta jkun hemm evidenza ta' riskju serju jew imminenti għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, il-ħarsien tal-ambjent jew il-funzjonament tas-suq***

intern, li ma jistax jiġi mmitigat b'mod adegwat b'miżuri alternattivi jew meta ż-żmien meħtieġ biex jiġu adottati standards armonizzati x'aktarx jirriżulta fi ħsara sinifikanti lil wieħed jew aktar minn dawn ta' hawn fuq.

(Emenda orizzontali li tissostitwixxi l-punt c) dwar speċifikazzjonijiet komuni fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/65/UE; l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/53/UE; l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/29/UE; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/30/UE; l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/31/UE; l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/33/UE; l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/34/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/53/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE.)

Or. en

Emenda 50
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ***adottati*** f'konformità ***mal-proċedura*** konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19(3).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ***żviluppati*** f'konformità ***mal-prinċipji tal-Anness II 3(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 1025/2012 u adottati bil-proċedura*** konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19(3).

Or. en

Emenda 51

Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***19(3)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***19(2)***.

Or. en

Emenda 52
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***19(3)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***19(2)***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 53
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-korpi rilevanti u, meta jkun applikabbli, tal-Grupp ta' Esperti u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
	(Emenda orizzontali li żżid paragrafu dwar speċifikazzjonijiet komuni fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/65/UE; l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/53/UE; l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/29/UE; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/30/UE; l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/31/UE; l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/33/UE; l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/34/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/53/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE.)

Or. en

Emenda 54
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta l-Parlament Ewropew iqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti rilevanti, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jippreżenta spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u, jekk ikun xieraq, tista' temenda l-att ta'

implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

(Emenda orizzontali li żżid paragrafu dwar speċifikazzjonijiet komuni fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/65/UE; l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/53/UE; l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/29/UE; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/30/UE; l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/31/UE; l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/33/UE; l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/34/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/53/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE.)

Or. en

Emenda 55
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-materjali, il-komponenti u l-EEE li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ***essenzjali*** koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu 4.”;	2. Il-materjali, il-komponenti u l-EEE li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu 4.”;

Or. en

Emenda 56
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. Qabel ma tħejji l-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ġew issodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda għandha ssir ukoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 57
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma tħejji l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ġew issodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 58
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat kif ukoll ta' korpi rilevanti oħra u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 59
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda għandha ssir ukoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-

Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 60
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar jew temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda għandha ssir ukoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 61
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 62
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 d. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni jew partijiet minnha ma jissodisfawx għalkollox ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 li dawn ikopru, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jippreżenta spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq,

temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.";"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda għandha ssir ukoll fl-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 3 paragrafu 6, l-Artikolu 4 paragrafu 6, l-Artikolu 5 paragrafu 6, l-Artikolu 6 paragrafu 6, l-Artikolu 7 paragrafu 6, l-Artikolu 8 paragrafu 7, l-Artikolu 9 paragrafu 6, l-Artikolu 10 paragrafu 6, l-Artikolu 11 paragrafu 6, l-Artikolu 12 paragrafu 6.

Emenda 63
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2011/65/EU
Artikolu 16a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew, iqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jippreżenta spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test emendat biex ikun konformi ma' leġiżlazzjoni negozjata qabel.

Emenda 64
Denis Nesci

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 3 – punt 19a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19a) "kuntatt diġitali"**,** tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***;	(19a) "kuntatt diġitali"***:*** tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 65
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 3 – punt 20a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Jiddaħħal il-punt (20a) li ġej:	***imħassar***
"speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;;"	
	(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 66
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 3 – punt 20a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jippruvdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli ***għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(20a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Artikolu 4*** applikabbli ***għall-prodotti***";

Or. en

Emenda 67
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 3 – punt 20a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jippruvdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, ***apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(20a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u l-Anness I*** applikabbli għal xi prodott,;

Or. en

Emenda 68
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew	6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew

it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-prodott. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.";	it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-prodott. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.";

Or. it

Emenda 69
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' prodott maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, anki jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat jew bħala marka fuq il-prodott. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun ***viżibbli*** faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun ***aċċessibbli*** faċilment u leġibbli għall-konsumaturi ***u għall-utenti finali l-oħra***.

Or. it

Emenda 70
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' prodott maħsub għall-	Fil-każ ta' prodott maħsub għall-

konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat jew bħala marka fuq il-prodott. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet prevedibbli b'mod raġonevoli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat jew bħala marka fuq il-prodott. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi ***inkluż għal persuni b'diżabbiltajiet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika wkoll għall-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 4 paragrafu 2d, l-Artikolu 9 paragrafu 2d, l-Artikolu 10 paragrafu 2d, l-Artikolu 11 paragrafu 2d, l-Artikolu 12 paragrafu 2d, l-Artikolu 13 paragrafu 2b.

Emenda 71
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' prodott maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet prevedibbli b'mod raġonevoli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat jew bħala marka fuq il-prodott. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Fil-każ ta' prodott maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat***, fuq talba mill-konsumatur,*** jew bħala marka fuq il-prodott. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.

Or. en

Emenda 72
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iżda fil-mument tax-xiri tal-prodott jew sa ***sitt xhur*** wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.”;	Iżda fil-mument tax-xiri tal-prodott jew sa ***24 xahar*** wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. ***L-utent finali għandu jkun jista' jagħmel tali talba permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli, inkluż bit-telefown, flimkien ma' kwalunkwe mezz online potenzjali li l-manifattur ikun għamel disponibbli.*** Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.” ***L-utent finali għandu jiġi infurmat b'mod ċar, fl-informazzjoni dwar is-sikurezza, bid-dritt tiegħu li jitlob l-istruzzjonijiet għall-użu b'format stampat.; Il-possibbiltà għall-utent finali li jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat ma għandhiex tipprekludi lill-manifatturi milli jipprovdu materjali ta' informazzjoni supplimentari f'formati elettroniċi biss, bħal vidjows jew kontenut awdjo, li ma jistgħux jiġu riprodotti f'format stampat. Fil-każ ta' xi differenzi bejn il-kontenut tal-format stampat u dak tal-materjal ipprovdut f'forma elettronika, il-format stampat fih innifsu għandu jkun ċar, jinftiehem u inteliġibbli u biżżejjed biex jiżgura l-użu sikur u xieraq tas-sottosistema jew tal-komponent tas-sikurezza;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika wkoll għal dawn li ġejjin: l-Artikolu 4 paragrafu 2d, l-Artikolu 5 paragrafu 2d, l-Artikolu 6 paragrafu 2d, l-Artikolu 7 paragrafu 2d, l-Artikolu 8 paragrafu 2c,

3d, l-Artikolu 9 paragrafu 2d, l-Artikolu 10 paragrafu 2d, l-Artikolu 11 paragrafu 2d, l-Artikolu 12 paragrafu 2d, l-Artikolu 13 paragrafu 2b.

Emenda 73
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iżda fil-mument tax-xiri tal-prodott jew sa ***sitt xhur*** wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievi t-talba.”;	Iżda fil-mument tax-xiri tal-prodott jew sa ***sentejn*** wara dak ix-xiri, l-utent finali jista' jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat. ***L-utent finali għandu jkun jista' jagħmel tali talba permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni aċċessibbli, inkluż bit-telefown, flimkien ma' kwalunkwe mezz online potenzjali li l-manifattur ikun għamel disponibbli.*** Meta l-utent finali jitlob dawk l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza, il-manifattur għandu jipprovdihom lill-utent finali mingħajr ħlas fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi t-talba. ***L-utenti finali għandhom jiġu infurmati b'mod ċar, fl-informazzjoni dwar is-sikurezza, dwar id-dritt tagħhom li jitolbu l-istruzzjonijiet f'format stampat. Il-possibbiltà għall-utent finali li jitlob l-istruzzjonijiet jew l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat ma għandhiex tipprekludi lill-manifatturi milli jipprovdu materjali ta' informazzjoni supplimentari f'formati elettroniċi biss, bħal vidjows jew kontenut awdjo, li ma jistgħux jiġu riprodotti f'format stampat. Fil-każ ta' xi differenzi bejn il-kontenut tal-format stampat u dak tal-materjal ipprovdut f'forma elettronika, il-format stampat fih innifsu għandu jkun ċar, jinftiehem u inteliġibbli u biżżejjed biex jiżgura l-użu sikur u xieraq tal-prodott.”***;

(Emenda orizzontali. Din l-emenda tbiddel l-iskadenzi biex jintalbu struzzjonijiet jew informazzjoni dwar is-sikurezza b'format stampat u żżid aktar kjarifiki fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti kollha fid-Direttiva 2013/53/UE; id-Direttiva 2014/29/UE; id-Direttiva 2014/30/UE; id-Direttiva 2014/31/UE; id-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/33/UE; l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/34/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/53/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE; l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/90/UE.)

Or. en

Emenda 74
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fuq il-prodott, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, fil-każ ta' komponenti meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-prodott.;	3. Fuq il-prodott, l-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, fil-każ ta' komponenti meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument mogħti mal-prodott.;

Or. it

Emenda 75
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2013/53/UE

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha biex tintwera l-konformità tal-prodott.;	Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ***li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat,*** biex tintwera l-konformità tal-prodott.;

Or. it

Emenda 76
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) jiddaħħal l-Artikolu 14a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 14a	
Speċifikazzjonijiet Komuni	
1.	
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	
(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati	

f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' prodott mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew

(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' prodotti mhux konformi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 50(2).

2. Il-prodotti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu 4.;"

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 77
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista'***, permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni***, tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	***F'każijiet eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni tista' ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jipprovdu mezz ta' konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 78
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4 ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 79
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti ***fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards*** armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***;	(a) ***il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti ***fl-Anness III u:*** ***(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew*** ***(ii) l-istandards*** armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew*** ***(iii) l-istandards armonizzati ma jkunux***

konformi mat-talba; kif ukoll

Or. en

Emenda 80
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ma jkunux koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-referenza tagħhom tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Emenda 81
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*** Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk*** l-istandards ***jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' prodott mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew***	(b) ***il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti ***u:***
	(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea ***tal-***

istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew

(ii) it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandards ***Ewropej mitluba:***

– ma ġewx adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba; jew

– ma jkunux konformi mat-talba; jew

– ma jissodisfawx ir-rekwiżiti maħsuba li jkopru;

Or. en

Emenda 82
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti ***fl-Artikolu 4 ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' prodott mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew***	(b) ***l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti ***fl-Anness III ma tkun ġiet ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.***

Or. en

Emenda 83
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE

Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' prodotti mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 84
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' prodotti mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 85
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 50(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ***żviluppati f'konformità mal-prinċipji tal-Anness II 3(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 1025/2012 u*** adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 50(2).

Or. en

Emenda 86
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***50(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***50(3)***.

Or. en

Emenda 87
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***50(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***50(3)***.

Or. en

Emenda 88
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-prodotti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu ***4***.;	2. Il-prodotti konformi mal-ispeċifikazzjoni komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali, koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Artikolu ***44 u l-Anness I.***";
	Or. en

Emenda 89
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma tħejji l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ġew issodisfati.
	Or. en

Emenda 90
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat kif ukoll ta' korpi rilevanti oħra u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-

partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 91
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Emenda 92
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2013/53/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew, iqis li speċifikazzjoni

	komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jippreżenta spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Or. en

Emenda 93
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 2 – punt 7a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***	(7a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 94
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 2 – punt 9a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-punt (9a) li ġej:	***imħassar***

"(9a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;";

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 95
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 2 – punt 9a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi*** prodott***, apparat, servizz, proċess jew sistema;;***	(9a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***reċipjenti li l-prodott tagħhom ta' PS × V jaqbeż il-50 bar.L***"

Or. en

Emenda 96
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 2 – punt 9a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew***	(9a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-***

sistema;;	***Anness I*** applikabbli għal ***reċipjent***;

Or. en

Emenda 97
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq ir-reċipjent, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq ir-reċipjent, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. it

Emenda 98
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Id-Direttiva 2014/29/CE
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq ir-reċipjent, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq ir-reċipjent, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. en

Emenda 99
Reinier Van Lanschot
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' reċipjent għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza msemmija fil-punt 2 tal-Anness III b'format stampat jew bħala marka fuq ir-reċipjent. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Fil-każ ta' reċipjent għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza msemmija fil-punt 2 tal-Anness III b'format stampat jew bħala marka fuq ir-reċipjent. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi***, inkluż għall-persuni b'diżabbiltajiet.*** *(Emenda orizzontali li żżid il-kjarifika li meta l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza jingħataw b'format stampat, dawn għandhom jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà fid-dispożizzjonijiet emendatorji korrispondenti kollha fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/53/UE; l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/29/UE; l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/30/UE; l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/32/UE; l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/35/UE; l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/68/UE; l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/90/UE.)*

Or. en

Emenda 100
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d

Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' reċipjent għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza msemmija fil-punt 2 tal-Anness III b'format stampat jew bħala marka fuq ir-reċipjent. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Fil-każ ta' reċipjent għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar is-sikurezza msemmija fil-punt 2 tal-Anness III b'format stampat***, fuq talba mill-konsumatur,*** jew bħala marka fuq ir-reċipjent. Din l-informazzjoni dwar is-sikurezza għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.

Or. en

Emenda 101
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 9, (5)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha biex tintwera l-konformità ta' reċipjent.;	Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ***li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat,*** biex tintwera l-konformità ta' reċipjent.;

Or. it

Emenda 102
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 12a	
Speċifikazzjonijiet Komuni	
1.	
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	
(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' reċipjent, li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun jaqbeż il-50 bar.L, mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew	
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' reċipjenti mhux konformi li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2).	
2. Ir-reċipjenti li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun jaqbeż il-50 bar.L, u li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni komuni għandhom ikunu	

prežunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;”

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 103
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista’***, permezz ta’*** atti ta’ implimentazzjoni***, tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	***F’każijiet eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni tista’ ***tadotta*** atti ta’ implimentazzjoni ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jipprovdu mezzi ta’ konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I**.** ***Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 104
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29(KE)
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I ***fi kwalunkwe wieħed***	Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ***Dawk l-atti ta’***

mill-każijiet li ġejjin:	***implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 105
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I***	(a) ***il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III u:***
mhumiex koperti minn standards armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;***	***(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew***
	(ii) l-istandards armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew***
	(iii) l-istandards armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; kif ukoll

Or. en

Emenda 106
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi*** tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-referenza*** tagħhom ***tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Emenda 107
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – (punt b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*** Ewropea, ***iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' reċipjent, li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L, mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew***	(b) ***il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti ***u:***
	(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea ***tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew***
	(ii) it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandards Ewropej mitluba:
	– ma ġewx adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba; jew
	– ma jkunux konformi mat-talba; jew
	– ma jissodisfawx ir-rekwiżiti maħsuba

biex ikopru.

Or. en

Emenda 108
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' reċipjent, li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun jaqbeż il-50 bar.L, mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4; jew***	(b) ***l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III ma tkun ġiet ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.***

Or. en

Emenda 109
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' reċipjenti mhux konformi li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L.	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' reċipjenti mhux konformi li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L.	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' reċipjenti mhux konformi li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L.	***imħassar***

Or. en

Emenda 112
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ***żviluppati skont il-prinċipji tal-Anness II 3(a), (b), (c) tar-Regolament (UE) 1025/2012 u*** adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 39(2).

Or. en

Emenda 113
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***39(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***39(3)***.

Or. en

Emenda 114
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***39(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***39(3)***.

Or. en

Emenda 115
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reċipjenti li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun taqbeż il-50 bar.L, u li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;	2. Ir-reċipjenti li għalihom il-multiplikazzjoni PS×V tkun jaqbeż il-50 bar.L, u li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali ***tas-sikurezza***, koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;

Or. en

Emenda 116
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma tħejji l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ġew issodisfati.

Or. en

Emenda 117
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat kif ukoll ta' korpi rilevanti oħra u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 118
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar jew temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Emenda 119
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew, iqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jissottometti spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Or. en

Emenda 120
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 3(a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***;	(15a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 121
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Id-Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 3 – punt 17a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-punt (17a) li ġej:	***imħassar***
"(17a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;;"	
	(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 122
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Id-Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 3 – punt 17a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(17a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Anness I*** applikabbli għal ***apparat***";

Or. en

Emenda 123

Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Id-Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 3 – punt 17a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jippruvdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(17a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Anness I*** applikabbli għal ***tagħmir***";

Or. en

Emenda 124
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq l-apparat, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-apparat. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq l-apparat, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-apparat. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. it

Emenda 125
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 7(6)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq l-apparat, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-apparat. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq l-apparat, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument mogħti mal-apparat. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. en

Emenda 126
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' apparat maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18 b'format stampat jew bħala marka fuq l-apparat. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Fil-każ ta' apparat maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18 b'format stampat, ***fuq talba mill-konsumatur,*** jew bħala marka fuq l-apparat. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.

Or. en

Emenda 127
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 10 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha biex tintwera l-konformità tal-apparat.;	Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ***li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat,*** biex tintwera l-konformità tal-apparat.;

Or. it

Emenda 128
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) jiddaħħal l-Artikolu 13a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 13a	
Speċifikazzjonijiet Komuni	
1.	
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' apparat mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew

(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' apparat mhux konformi.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).

2. L-apparat li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;"

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 129
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', ***permezz ta'*** atti ta' implimentazzjoni, ***tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	***F'każijiet eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni tista' ***tadotta*** atti ta' implimentazzjoni ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jipprovdu mezzi ta' konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I**.** ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 130
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 131
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I mhumiex koperti minn standards*** armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;***	(a) ***il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III u:*** ***(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew*** ***(ii) l-istandards*** armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1)***

tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew

(iii) l-istandards armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; kif ukoll

Or. en

Emenda 132
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-referenza tagħhom tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Emenda 133
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*** Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk*** l-istandards ***jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' apparat mar-rekwiżiti***	(b) ***il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti ***u:***

essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew

(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea ***tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew***

(ii) it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandards ***Ewropej mitluba:***

– ma ġewx adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba; jew

– ma jkunux konformi mat-talba; jew

– ma jissodisfawx ir-rekwiżiti maħsuba biex ikopru.

Or. en

Emenda 134
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' apparat mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew***	(b) ***l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III ma tkun ġiet ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.***

Or. en

Emenda 135
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' apparat mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' apparat mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 137
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ***jiġu żviluppati f'konformità mal-prinċipji tal-Anness II 3(a), (b) u (c) u*** adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).

Or. en

Emenda 138
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(2a)***.

Or. en

Emenda 139
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(2a)***.

Or. en

Emenda 140
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-apparat*** li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;	2. ***It-tagħmir*** li jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;

Or. en

Emenda 141
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma tħejji l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ġew issodisfati.

Or. en

Emenda 142
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat

kif ukoll ta' korpi rilevanti oħra u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 143
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar jew temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Emenda 144
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 13a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew, iqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jissottometti spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

Or. en

Emenda 145
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 41 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) fl-Artikolu 41, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";"

Or. en

Emenda 146
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 41 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(10a) Fl-Artikolu 41 jiżdied il-paragrafu (2a) li ġej:
	"(2a). Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

Or. en

Emenda 147
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 2 – punt 9a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***	(9a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 148
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 2 – punt 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-punt (11a) li ġej:	***imħassar***
"(11a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali	

applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;;”

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 149
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 2 – punt 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11a) “***speċifikazzjonijiet*** komuni” tfisser ***sett ta’ rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(11a) “***speċifikazzjoni*** komuni” tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Anness I*** applikabbli għal ***strumenti ta’ kejl mhux awtomatiċi”***;

Or. en

Emenda 150
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 2 – punt 11a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11a) “***speċifikazzjonijiet*** komuni” tfisser ***sett ta’ rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(11a) “***speċifikazzjoni*** komuni” tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard, li ***tipprovdi*** mezzi ta’ konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Anness I*** applikabbli għal ***strument***”;

Or. en

Emenda 151
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq l-istrument, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq l-istrument, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. it

Emenda 152
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Fuq l-istrument, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***u l-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;	Fuq l-istrument, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, kif ukoll l-indirizz postali ***jew il-kuntatt*** diġitali tagħhom. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandhom jindikaw punt uniku li bih ikun jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.;

Or. en

Emenda 153

Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' strument maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anki*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi b'format stampat l-informazzjoni essenzjali biex dan jintuża b'mod sikur. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.	Fil-każ ta' strument maħsub għall-konsumaturi jew li jista', f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi, ***anke*** jekk ma jkunx maħsub għalihom, il-manifattur għandu jipprovdi b'format stampat***, fuq talba mill-konsumatur,*** l-informazzjoni essenzjali biex dan jintuża b'mod sikur. Din l-informazzjoni għandha tkun viżibbli faċilment u leġibbli għall-konsumaturi.

Or. en

Emenda 154
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 5
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha biex tintwera l-konformità ta' strument.;	Id-distributuri għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, b'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha ***li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom mill-manifattur, mill-importatur jew mir-rappreżentant awtorizzat,*** biex tintwera l-konformità ta' strument.;

Or. it

Emenda 155

Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:	***imħassar***
"Artikolu 12a	
Speċifikazzjonijiet Komuni	
1.	
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	
(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	
(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' strument mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew	
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jeħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' strumenti mhux konformi.	
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).	
2. L-istrumenti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-	

ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I.;”

(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 156
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista’***, permezz ta’*** atti ta’ implimentazzjoni***, tadotta*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jippermettu l-konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I ***fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet*** li ġejjin:	***F’każijiet eċċezzjonali,*** il-Kummissjoni tista’ ***tadotta*** atti ta’ implimentazzjoni ***li jistabbilixxu*** speċifikazzjonijiet komuni li ***jipprovdu mezzi ta’ konformità*** mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I***. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu ssodisfati***:

Or. en

Emenda 157
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – frażi introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:	Il-Kummissjoni tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tadotta speċifikazzjonijiet komuni li jippermettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I***. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati biss meta l-kundizzjonijiet*** li ġejjin ***ikunu***

ssodisfati:

Or. en

Emenda 158
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I mhumiex koperti minn standards*** armonizzati***, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;***	(a) ***il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tkun talbet lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza standards armonizzati għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III u:*** ***(i) it-talba ma tkunx ġiet aċċettata; jew*** ***(ii) l-istandards*** armonizzati ***li jindirizzaw dik it-talba ma jintbagħtux sal-iskadenza stabbilita f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; jew*** ***(iii) l-istandards armonizzati ma jkunux konformi mat-talba; kif ukoll***

Or. en

Emenda 159
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I mhumiex koperti minn standards***	(a) ***ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat li jkopri dawk*** ir-rekwiżiti ***li r-***

armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;	***referenza tagħhom tkun ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***u l-ebda referenza bħal din ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli***;

Or. en

Emenda 160
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-rekwiżiti ***stabbiliti fl-Anness I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*** Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' strument*** mar-rekwiżiti ***essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew***	(b) ***il-Kummissjoni tkun talbet, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament 1025/2012, lil organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni waħda jew aktar biex tabbozza jew tirrevedi l-istandards Ewropej għal dawk*** ir-rekwiżiti ***u:***
	(i) it-talba ma tkun ġiet aċċettata mill-ebda organizzazzjoni Ewropea ***tal-istandardizzazzjoni li tkun ġiet indirizzata lilha; jew***
	(ii) it-talba tkun ġiet aċċettata minn tal-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni li t-talba tkun ġiet indirizzata lilhom, iżda l-istandards ***Ewropej mitluba:***
	– ma ġewx adottati sal-iskadenza stabbilita fit-talba; jew
	– ma jkunux konformi mat-talba; jew
	– ma jissodisfawx ir-rekwiżiti maħsuba biex ikopru.

Or. en

Emenda 161
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Anness ***I ikunu koperti minn standards armonizzati, jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***, iżda l-applikazzjoni ta' dawk l-istandards jew ta' partijiet minnhom jirriżultaw f'nonkonformità ta' strument mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness I; jew***	(b) ***l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti tas-saħħa u s-sikurezza*** stabbiliti fl-Anness ***III ma tkun ġiet ippubblikata*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u l-ebda tali referenza ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata fi żmien raġonevoli.***

Or. en

Emenda 162
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' strumenti mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 163
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt (c)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-Kummissjoni jidhrilha li jenħtieġ jiġi indirizzat xi tħassib urġenti fir-rigward ta' strumenti mhux konformi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 164
Andreas Schwab

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu ***żviluppati f'konformità mal-Anness II 3(a), (b), (c) tar-Regolament (UE) 1025/2012 u*** adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 41(2).

Or. en

Emenda 165
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu ***41(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu ***41(3)***.

Or. en

Emenda 166
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(2)***.	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu ***41(3)***.

Or. en

Emenda 167
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Qabel ma thejji l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li hija tqis li l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 1 ġew issodisfati.

Or. en

Emenda 168
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Meta tkun qed tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-fehmiet tal-Grupp ta' Esperti assenjat kif ukoll ta' korpi rilevanti oħra u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 169
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 c. Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u propost lill-Kummissjoni għall-fini tal-pubblikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-istandard armonizzat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tħassar jew temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew partijiet minnhom li jkopru l-istess rekwiżiti bħal dawk koperti minn dak l-istandard armonizzat.

Or. en

Emenda 170
Anna-Maja Henriksson, Svenja Hahn

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 12a – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew, iqis li speċifikazzjoni komuni ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan billi jissottometti spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-ispjegazzjoni dettaljata u tista', jekk ikun xieraq, temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. ';

Or. en

Emenda 171
Denis Nesci

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 4 – punt 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni jew download ta' xi applikazzjoni***;***;	(12a) "kuntatt diġitali": tfisser kwalunkwe kanal tal-komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li bih l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew jiġu involuti mingħajr il-bżonn ta' reġistrazzjoni ***mal-operatur ekonomiku*** jew ***ta'*** download ta' xi applikazzjoni ***mill-operatur ekonomiku***;

Or. it

Emenda 172
Piotr Müller, Michał Dworczyk

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-punt (14a) li ġej:	***imħassar***
"(14a) "speċifikazzjonijiet komuni" tfisser sett ta' rekwiżiti tekniċi, li mhumiex standard, li jipprovdu mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;;"	
	(Dan it-tħassir japplika għall-COM(2025)0503 kollu)

Or. en

Emenda 173
Christel Schaldemose, Adnan Dibrani, Elisabeth Grossmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 4 – punt 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14a) "***speċifikazzjonijiet*** komuni" tfisser ***sett ta' rekwiżiti tekniċi***, li ***mhumiex*** standard, li ***jipprovdu*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għal ***xi prodott, apparat, servizz, proċess jew sistema;***;	(14a) "***speċifikazzjoni*** komuni" tfisser ***speċifikazzjoni teknika***, li ***mhijiex*** standard ***jew dokument normattiv***, li ***tipprovdi*** mezzi ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali ***stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi speċifiċi għall-istrumenti rilevanti*** applikabbli għal ***strument tal-kejl***;

Or. en